Kunsill Lokali Fontana

Minuti tat-58 (tmienja u ħamsin) Laqgħa li kienet laqgħa ta' Urġenza tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2012 fis-Sala tal-Komunita.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

Skużati: is-Sur Anthony Borg, Viċi-Sindku u s-Sur Victor Cefai, Kunsillier

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Farrugia

Il-laqgħa bdiet b'talba fis-6.40p.m.

Is-Sindku beda l-laqgħa billi flimkien mal-Kunsilliera taw merħba lis-sur Joseph Farrugia għall-ħatra tiegħu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku li ppresieda din il-laqgħa t'urġenza għadda għall-ewwel materja fuq l-Aġenda li kienet titratta il-Kuntratt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku u t-Tender għall-Installazzjoni ta' Sistema Fotovoltajika.

*Kuntratt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku*
Is-Sindku spjega li nhar is-27 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill irċieva ittra mill-BOV biex tinforma li l-garanzija ta' Peter Paul Said kienet għalqet nhar is-17 ta' Diċembru 2011. Is-Sindku qal li meta ċċekja mal-Bank irriżulta li din kienet il-garanzija sottomessa mal-Offerta u li l-Kuntrattur kellu jagħmel *Performance Guarantee* qabel iffirma l-Kuntratt. Il-BOV informa wkoll li l-bank ma kellux *Performance Guaranttee* tal-Kuntrattur iżda din setgħet issir f'xi Bank ieħor. Meta Karl Vella kien mistoqsi jekk il-kuntrattur kienx għamel *Performance Guaratee* qabel ma ġie ffirmat il-Kuntratt, hu wieġeb fl-affermattiv. Meta Karl Vella ġie l-uffiċċju nhar l-4 ta' Jannar biex jagħlaq uħud mill-*issues* li għandu pendenti, Joseph Farrugia staqsieh għal kopja tal-kuntratt u jekk il-kuntattur kienx għamel il-*Performance Guaranttee* dan ma setax isibhom. Is-Sur Vella iżda ikkonferma ma' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv li l-*Performance Guarantee* kienet saret mill-Kuntrattur.Is-Sindku nforma li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv fittxew il-Kuntratt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, iżda rriżulta li l-Kuntratt ta-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, il-*Performance Guarantee* u l-Offerta mitfugħa mill-istess kuntrattur huma neqsin u ma nstabu mkien.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555
Email: Fontana.

Il-Kunsillier Lorry Apap u l-Kunsillier Horace Micallef urew t-tħassib tagħhom u stqarrew li dan hu każ kriminali. Ġie għalhekk maqbul li jekk dawn id-dokumenti jibqgħu ma jinstabux nieħdu parir mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Rigward ix-xogħolijiet ta' estensjoni li għandhom isiru addizzjonali għat-Tender tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv, qal li wara li kkonsulta mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-proċedura li għandha tiġi segwita, il-Kunsill ġie nfurmat li peress li dawn ix-xogħlijiet għandhom valur ta' aktar minn 10% tal-Kuntratt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, għandha tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet biex isiru x-xogħolijiet ta' estensjoni.

*Tender għall-Installazzjoni ta' Sistema Fotovoltajiċi*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward id-dubju li kien hemm dwar id-depożitu ta' €50 li l-Kumpanija ta' Frank Borda kellha tħallas hekk kif tiġbor id-dokument tat-Tender għall-Installazzjoni ta' Sistema Fotovoltajiċi. Meta Karl Vella ġie mistoqsi mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u mis-Sur Joe Xiberras dwar dan id-depożitu, huwa stqarr li l-kumpanija ta' Frank Borda kienet ħallset id-depożitu permezz ta' cheque u li dan id-depożitah il-bank nhar it-8 t'Ottubru 2011. Is-Sindku qal li meta hu flimkien mal-Aġent Segretarju Joe Xiberras marru jiċċekjaw il-Bank, ġew infurmati li ser tinġieb kopja minn Malta taċ-cheque iddepożitat fit-8 t'Ottubru 2011. Is-Sindku ppreżenta l-kopja taċ-cheque li nġiebet mill-BOV iżda dan irriżulta li dan iċ-cheque ma kienx tal-kumpanija ta' Frank Borda iżda tal-kumpanija Solar Engineering li kienet ġiet tiġbor it-Tender fit-12 ta' Settembru 2011. Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill li meta kkuntatja lil kumpanija ta' Frank Borda biex naffermaw jekk kienx ħallas id-depożitu ta' €50, rappreżentanta ta' Frank Borda Ltd. stqarret li hi ma kienetx ħallset id-depożitu għax ħadd ma kien talbha li trid tħallas dan l-ammont. Dan ikkonfermatu permezz ta' fax lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li ġiet moqrija fil-laqgħa. Rappreżentant minn ta' Frank Borda Ltd. qal li d-dokument tat-Tender kien mgħoti lir-rappreżentat tal-kumpanija tiegħu hawn Għawdex fuq *cd* u li l-kopji tad-dokument ġew stampati mill-uffiċċju tiegħu. Stqarr ukoll li qabel tefa' l-Offerta, il-Kumpanija Frank Borda Ltd. daħlet fl-ispejjez biex għamlet il-garanzija bankarja u biex ħallset lill-kurrier. Qed jistaqsu wkoll li jekk kellu jsir xi ħlas kif ġabru d-dokument, ninfurmawhom ħalli b'hekk ikunu jistgħu jagħmluh issa.

Il-Kunsillier Lorry Apap u l-Kunsillier Horace Micallef urew it-tħassib tagħhom għax sostnew li dan huwa każ ta' frodi u għalhekk il-membri qablu unaninament li nieħdu parir mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali

*Fontana Firework Festival*

Is-Sindku qal li bħalma jafu l-Kunsilliera, l-Fireworks Festival huwa ppjanat li jsir nhar is-16 ta' Ġunju 2012. Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Sindku li għal dan il-Festival, il-Kunsill ikkwalifika mill-iskema ta' Attivitajiet Kulturali u ġie mwiegħed is-somma ta' €7,000. Is-Sindku qal li jeħtieġ li jitwaqqaf kumitat biex jikkordina din l-attivita u ġie maqbul li dan il-kumitat ikun iffurmat mis-Sindku, Saviour Borg, mill-Kunsillier Horace Micallef u mill-Aġent Segretarju, Joseph Farrugia.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555
Email: Fontana.

Il-Laqħa ġiet fi tmiemha fis-7.15p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555
Email: Fontana.